**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM il-Ħamis, 21 ta' April, 2016**

**Kawża Numru 63**

**Rik. Nru. 78/15JRM**

**BANIF BANK (MALTA) p.l.c.** (C-41030)

vs

**CASSAR & SCHEMBRI (MARKETING) LIMITED** (C-33174) bħala l-kumpannija debitriċi prinċipali; Ryan Schembri u b'degriet tat-13 ta' Awwissu, 2015, l-Avukat Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Jean-Pierre Busuttil inħatru Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lil Ryan Schembri, assenti minn Malta; Angie Schembri; Etienne Cassar; Natalie Carmen Cassar; Mario Schembri; Alfreda Schembri; M & R Construction Ltd (C-37461); Isaac Enterprises Ltd. (C-48923); Food World Ltd. (C-51148); More Supermarkets (Ħamrun) Ltd. (C-57252); More Supermarkets (Mosta) Ltd. (C-60925); More Supermarkets (Fgura) Ltd. (C-61496); More Supermarkets (P. Ville) Ltd. (C- 61504), ilkoll bħala garanti *in solidum* mal-kumpannija debitriċi prinċipali

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment mogħti għall-finijiet tal-artikolu 229(2)(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fuq talba magħmula mill-imħarrkin More Supermarkets (Ħamrun) Limited, More Supermarkets (Mosta) limited,

More Supermarkets (Fgura) Limited u More Supermarkets (P. Ville) Limited b'rikors imressaq minnhom fil-25 ta' Jannar, 2016[1] li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija huma talbu li din il-Qorti jogħġobha (i) ssib li n-notifika li saret lill-kumpannija l-oħra mħarrka Cassar & Schembri ma tiswiex u jmissha ssir mill-ġdid; (ii) biex, ladarba l-imsemmija kumpannija, tinsab fi proċess ta' stralċ, issir in-notifika tal-istess lill-istralċjarju tagħha, l-Avukat Richard Galea Debono; u (iii) twaqqaf il-mixi 'l quddiem ta' din il-kawża għall-finijiet tal-artikolu 224(2) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-Bank attur wieġeb għall-imsemmi rikors fid-9 ta' Frar, 2016[2], li bih u għar-raġunijiet minnu hemm imsemmijin oppona għat-talbiet kollha tal-imsemmija mħarrkin;

## ***Ikkunsidrat:***

Illi din it-talba saret fid-dawl ta' provvediment mogħti minn din il-Qorti (diversament presjeduta)[3] fit-3 ta' Novembru, 2015 li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, iddikjarat li l-kumpannija mħarrka Cassar & Schembri (Marketing) Limited (li hija d-debitriċi ewlenija tal-pretensjonijiet tal-Bank attur f'din il-kawża) ma kenitx f'qagħda li tħallas id-djun tagħha u għalhekk ordnat ix-xoljiment u l-istralċ tal-imsemmija kumpannija. Bħala parti mill-provvedimenti li jagħmlu mill-Ordni mogħti fl-imsemmi provvediment, dik il-Qorti ħatret lill-Avukat Richard Galea Debono bħala stralċjarju tal-imsemmija kumpannija;

Illi l-proċeduri għall-għoti ta' Ordni ta' Stralċ kienu nbdew fit-28 ta' Jannar, 2015, u t-talbiet issejsu fuq l-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi mill-imsemmi provvediment tressaq appell fl-20 ta' Novembru, 2015[4] limitat dwar il-kap tal-ispejjeż billi r-"rikorrenti appellanti mhumiex ser jimpunjaw id-deċiżjoni fil-mertu" dwar l-ordni ta' stralċ. Fis-sewwa, l-istess appell jitlob ukoll li l-ħatra tal-istralċjarju maħtur – l-Avukat Richard Galea Debono – tinbidel biex, minfloku, jinħatar ir-Riċevitur Uffiċjali;

[1] Paġġ. 337 – 8 tal-proċess
[2] Paġġ. 136 – 7 tal-proċess
[3] Rik. Nru. 75/15JZM fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Galleria Properties Ltd (C – 38989) vs Cassar & Schembri Marketing Ltd. (C – 33174) et***
[4] Ara paġġ. 345 sa 353 tal-proċess

Illi sallum l-appell imsemmi għadu mhux imqiegħed fuq il-lista għas-smigħ;

Illi minn dawn il-fatti joħroġ li l-Ordni mogħti fl-imsemmi provvediment jistabilixxi li l-kumpannija mħarrka Cassar & Schembri (Marketing) Limited tinsab fi proċess ta' xoljiment u stralċ. L-appell li tressaq ma jibdel xejn minn dan l-istat legali li nħalaq bl-imsemmi provvediment;

Illi l-effett legali tal-provvediment imsemmi hu li l-kumpannija mħarrka jitqies li tqiegħdet taħt stralċ b'seħħ minn dakinhar li tressaq il-proċediment biex tingħata l-istess ordni[5] – jiġifieri, f'dan il-każ, fit-28 ta' Jannar, 2015;

Illi dik id-data taħbat sewwasew lejliet li nfetħet din il-kawża;

Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ it-talbiet li tressqulha, jixraq li tikkunsidra s-sottomissjoni, magħmula mill-Bank attur fit-tweġiba tiegħu, dwar l-interess tal-kumpanniji mħarrkin li jqajmu l-kwestjoni tas-siwi ta' notifika li ma tolqotx lilhom, imma lil kumpannija oħra mħarrka;

Illi l-kwestjoni tal-interess f'dan ir-rigward ma għandhiex titqiegħed fl-istess keffa bħall-kwestjoni li tqum dwar il-preżenza ta' parti f'kawża. F'dan ir-rigward, il-kwestjoni mqanqla mill-imħarrkin rikorrenti (lil hinn minn kull mottiv li jista' jkollhom dwar il-mixi 'l quddiem bla xkiel ta' din il-kawża) ma tibqax aktar waħda ta' interess ta' parti, imma ssir waħda ta' ordni pubbliku għaliex maħsuba biex tiġbed l-attenzjoni fuq kwestjoni tas-siwi ritwali tal-atti tal-kawża. Jekk dan huwa hekk, il-Qorti hija marbuta li tqis dik il-kwestjoni, ladarba tkun inġibditilha l-attenzjoni għaliha;

Illi bl-istess mod, il-Qorti lanqas jidhrilha li tista' toqgħod fuq is-sottomissjoni tal-Bank attur li mill-provvediment mogħti fit-3 ta' Novembru, 2015, tressaq appell u għalhekk ma jistax jingħad li l-ordni ta' stralċ għadu ma jorbotx. Qari mqar mad-daqqa ta' għajn tar-rikors tal-appell juri kemm din is-sottomissjoni tal-Bank attur m'għandhiex mis-sewwa. L-ebda appell ma tressaq dwar dik il-parti tal-provvediment li ordna x-xoljiment u l-istralċ ta' Cassar & Schembri (Marketing) Limited, u għalhekk dwar dak il-provvediment ma għad hemm xejn li mhux determinat u l-appell imressaq jirrigwarda biss ħwejjeġ oħra lil hinn mill-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel f'dan il-provvediment tagħha tal-lum;

[5] Art. 223(1) tal-Kap 386

Illi t-talbiet li l-Qorti għandha quddiemha llum jinbnew fuq it-tifsira li r-rikorrenti mħarrkin jagħtu tal-artikoli 223(1) u 224(2) tal-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji;

Illi filwaqt li l-artikolu 223(1) jgħid li: "*Meta jkun sar ordni ta' stralċ, il-kumpannija titqies li tkun xolta fil-ħin tal-preżentata tar-rikors għall-istralċ*", l-artikolu 224(2) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li: "*Meta jkun sar ordni għal stralċ jew ikun inħatar amministratur provviżorju, skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 228 ta' dan l-Att,ma tista' tittieħed ebda azzjoni jew jinbdew xi proċeduri kontra l-kumpannija jew il-proprjeta' tagħha ħlief bil-permess tal-qorti u taħt dawk il-kundizzjonijiet li tista' timponi l-qorti*";

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-imsemmi artikolu 224(2) jirreferi għal kawżi jew azzjonijiet ġudizzjarji li jittieħdu **kontra** kumpannija li tkun tqiegħdet fi proċedura ta' stralċ, imma ma jgħoddx għall-każ fejn l-azzjoni tinbeda **minn** kumpannija li tkun f'dak l-istat. Il-kliem tal-liġi jidher li jagħmilha ħaġa ċara li huwa maħsub biex iħares lil kumpannija li tkun għaddejja minn proċess ta' stralċ (ukoll jekk qabel ma jingħata l-ordni ta' stralċ) milli jinfetħu kontriha kawżi jew jittieħdu kontriha proċeduri b'qorti. Fi kliem ieħor, din il-Qorti hija tal-fehma li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 224(2) tal-Kap 386 jolqtu kwestjoni ta' leġittimazzjoni passiva ta' parti f'kawża u mhux ukoll il-jedd ta' kumpannija – imqar jekk tkun hija wkoll taħt proċedura ta' stralċ – milli tmexxi 'l quddiem kawża hija wkoll kontra ħaddieħor. Li kieku l-leġislatur ried li l-projbizzjoni li tinbeda kawża jew proċedura ġudizzjarja fejn hemm involuta kumpannija fi proċess ta' stralċ qabel ma tinkiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti tkun tgħodd ukoll għal kumpannija li trid tibda kawża hi, kien faċli għalih li jindika dan. Il-leġislatur tagħna, għall-kuntrarju, jidher li għażel li dik l-awtorizzazzjoni trid tinkiseb biss fil-każ fejn il-kumpannija mħarrka tkun fi proċess ta' stralċ[6];

Illi għar-rigward tal-ewwel talba, mill-atti tal-kawża joħroġ li l-kumpannija mħarrka Cassar & Schembri (Marketing) Limited laqgħet in-notifika bil-mezz tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni għall-finijiet tal-artikolu 197(5) tal-Kap 12 fis-26 ta' Ottubru, 2015;

Illi dan ifisser li n-notifika saret qabel ma ngħata l-provvediment li ordna x-xoljiment u l-istralċ tal-imsemmija kumpannija;

Illi fir-rikors tagħhom, l-imħarrkin rikorrenti jgħidu li bosta drabi ġibdu l-attenzjoni tal-Bank attur dwar il-proċeduri mnedijin kontra Cassar &

[6] P.A. LFS **10.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Edward Gatt noe vs TRM Limited (Malta)***

Schembri (Marketing) Limited dwar ix-xoljiment tagħha, iżda jgħidu li ma tax każhom;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li, minkejja li kienu tassew tabilħaqq tnedew l-imsemmija proċeduri kontra dik il-kumpannija, ma jiġix b'daqshekk li kull att li tressaq tajjeb ma jibqax jgħodd. Hekk ukoll jekk tkun saret notifika kif titlob il-liġi, ma ssirx ma tiswiex minħabba t-tħaddim retrospettiv ta' presunzjoni bħalma hija dik maħsuba fl-artikolu 223(1) tal-Kap 386. Fit-tieni lok, il-fatt li kienu tressqu proċeduri għax-xoljiment u l-istralċ tal-imsemmija kumpannija ma kienx jissarraf minnufih fl-ilqugħ ta' dik it-talba. Fuq kollox, ma ntweriex li l-kumpannija Cassar & Schembri (Marketing) Limited ressqet xi talba quddiem il-Qorti (li quddiemha kienet miexja l-proċedura għax-xoljiment u l-istralċ) biex titlobha twaqqaf proċedimenti ġudizzjarji pendenti kontriha, kif setgħet tagħmel skond il-liġi[7]. Fir-raba' lok, ma setgħet issir l-ebda notifika oħra lil Cassar & Schembri (Marketing) Limited jekk mhux kif tipprovdi l-liġi, u wisq anqas seta' jkun notifikat xi likwidatur li, saż-żmien kollu rilevanti, lanqas biss kien għadu nħatar;

Illi, għalhekk, ladarba fil-waqt li saret in-notifika kollox sar kif titlob il-liġi, ma huwiex il-każ li issa din il-Qorti ssib li dik in-notifika ma tiswiex aktar;

Illi għalhekk, l-ewwel talba mhix sejra tintlaqa';

Illi dwar it-<u>tieni talba</u>, il-Qorti ssib li din hija konsegwenzjali għat-talba ta' qabilha. B'żieda ma' dan, irid jingħad li l-kwestjoni tal-ħatra ta' stralċjarju 'privat' minflok ir-Riċevitur Uffiċjali hija biċċa mill-mertu tal-appell pendenti, u għalhekk ukoll it-talba tal-imħarrkin ma tistax tintlaqa' lanqas, għaliex imressqa qabel il-waqt;

Illi dan qiegħed jingħad bla ebda ħsara għall-jedd ta' kull min jista' jkun (jew ikun konfermat) bħala stralċjarju tal-kumpannija Cassar & Schembri (Marketing) Limited li, bil-mod u fl-istadju xieraq, jassumi l-atti tal-kawża f'isem l-imsemmija kumpannija;

Illi dwar it-<u>tielet talba</u> l-Qorti tqis li l-artikolu 224(2) mkien ma jgħid li kawża miexja kontra kumpannija li titqiegħed taħt ordni ta' stralċ trid titwaqqaf. Dak l-artikolu jitkellem dwar kawżi li jkunu jridu **jinbdew** u għalhekk ma jidhirx li dik id-dispożizzjoni tgħodd għall-każ li din il-Qorti għandha quddiemha;

[7] Art. 220 tal-Kap 386

Illi kif ingħad qabel, il-liġi tagħti rimedju ieħor dwar it-tkomplija ta' kawża jew proċeduri – li ma jkunux proċeduri dwar talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni – kontra kumpannija li tkun jew sejra tkun imqiegħda taħt ordni ta' stralċ. F'dak il-każ, u sakemm jingħata ordni ta' waqfien tal-proċeduri mill-Qorti kompetenti, jidher li kull proċedura oħra tista' tibqa' miexja;

Illi huwa stabilit li "*The presentation of a petition*[8] *does not automatically result in a stay of actions or proceedings against a company. An applicant .. has the burden of persuading the court to restrain the proceedings; this is to be expected because at that point it is not known whether or not the company will in fact enter liquidation and it would be inequitable to restrain actions or proceedings against the company unless there was some special reason*"[9];

Illi l-kwestjoni dwar x'jiġri meta titressaq talba għall-għoti ta' ordni ta' stralċ kontra kumpannija li kontra tagħha dak iż-żmien ikun hemm kawża jew kawżi miexja, jidher li l-leġislatur ħaseb għaliha fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 220 tal-Att. Kif jingħad mill-awturi "*the philosophy behind this provision is to ensure that claims against the company are dealt with by way of submitting a proof in liquidation and challenging the liquidator's decision if the claimant disagrees with the decision. The aim of the proof procedure in liquidation is to ensure an orderly, speedy and cheap resolution of claims against the company rather than submitting the company to a protracted process of litigation. .. .. The guiding principle for the granting of leave is basically one of whether the claim is better suited to be determined in the winding-up proceedings or in ordinary litigation; in the majority of cases this will result in the matter being dealt with by way of the liquidation process*"[10];

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-jedd u s-setgħa għall-għoti ta' deċiżjoni ta' soprasessjoni bħal din huwa mogħti lil dik il-Qorti li quddiemha jkun qiegħed jitmexxa l-proċess tax-xoljiment u l-istralċ tal-kumpannija. Sakemm ma jkunx hemm ordni bħal dak, il-kawża pendenti tkompli tinstema';

Illi għalhekk, lanqas it-tielet talba ma sejra tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar it-talbiet tal-imħarrkin billi:

---

[8] Hawnhekk hija riferenza għal rikors biex jingħata Ordni ta' Stralċ

[9] Bailey, Groves & Smith <u>*Corporate Insolvency Law & Practice*</u> (2[nd] Edit.) § 8.75 f'paġ. 358

[10] *Ibid.* §§ 8.76, 8.79, f'paġġ. 358 – 9

**Tiċħad l-ewwel talba** għaliex ma huwiex il-każ li n-notifika saret bi ksur tal-liġi;

**Tastjeni** milli tqis it-**tieni talba** sakemm il-kwestjoni tkun mistħarrġa u maqtugħa mill-Qorti tal-Appell; u

**Tiċħad it-tielet talba** billi għalissa ma hemmx il-kundizzjonijiet mitluba mil-liġi biex din il-Qorti twaqqaf is-smigħ tal-kawża.

**Moqri**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**21 ta' April, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**21 ta' April, 2016**